# 52. Il-Manna tal-Ħamiema

Imxejt maċ-ċint tas-sur u lmaħt quddiemi
ħaxix ħażin u xewk u żrar u ġebel,
u fruq mingħajr tikħil, ħażiż u torba,
u ħerba sħiħa.

Imxiet miegħi ukoll, kemm kemm quddiemi,
ħamiema lewn il-vjola, b'tikki bojod,
b'għajnejha sewdenin, b'żewġ faxxi f'denbha
bħal penzijiet.

U ma' kull pass li mxiet, din baxxiet rasha,
tnaqqar b'munqarha, tiġbor minn ġol-ħerba,
u meta xebgħet titfa' ġewwa l-ħawsla
taret għall-bejta.

Ġewwa l-ħaxix ħażin, tas-sur maċ-ċinta,
Alla ħanin, hemm manna ta' ħamiema,
li l-bċieċen b'ħalq miftuħ ipespsu u jgħajtu
qed jistennew.

Min jaf. Alla ħanin, kemm ġid u għana
moħbija fil-ħolqien! kemm deheb u fidda
fil-vini ta' ġol-blat! kemm ġmiel u ġawhar
ġo qiegħ il-baħar!

Għajnejna ma jarawx, 'mma f'kull għadira
hemm bejta tas-sireni taħt il-ġilju,
u ġo kull sħaba roża 'sema perla
hemm bejta anġli!